MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1198/2013

**WASTESERV MALTA LIMITED** (C-30560)

vs

**GREYHOUND INTERNATIONAL LIMITED** (C-52503)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-17 ta' Dicembru, 2013, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm

imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, erba' mija u żewġ ewro u tmintax-il ċenteżmu (€234,402.18) li tirrappreżenta l-prezz ta' materjal mibjugħ mill-kumpannija attriċi lill-kumpannija mħarrka.

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li fil-21 ta' Jannar, 2014, ressqet Nota għall-finijiet tal-art. 170 tal-Kap 12;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2014, li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tressaq it-Tweġiba Maħlufa tagħha;

Rat li minkejja dak id-digriet, il-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fiż-żmien lilha mogħti u b'hekk waqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-Rikors magħduda dawk tan-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka, kif fuq ingħad;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u fid-dawl tad-digriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2014, fuq imsemmi taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lis-soċjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgħa u tletin elf, erba' mija u żewġ ewro u tmintax-il ċenteżmu (€234,402.18) rappreżentanti l-prezz ta' materjal riċiklat mibjugħ minnha kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-8 ta' Jannar, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------